TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 56/19/F

**John Agius Vadala**

**vs**

**Roderick Bellizzi**

Illum, 3 ta' Frar, 2020

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Mejju, 2019 fejn ir-rikorrenti talab danni ta' elf, erba' mija u tmienja u disgħin Ewro (€1,498), rappreżentanti spejjeż fil-lift, wara li l-intimat kien għamel xi xogħol tal-kostruzzjoni.

L-intimat debitament notifikat u msejjaħ tliet darbiet, ma deherx għas-seduta u dan minkejja li kien notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ permezz tal-proċedura ta' l-Affissjoni u Pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern.

L-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub, għalhekk ma kkontestax din it-talba.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huwa l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottometta bil-miktub l-ispejjeż ta' elf, erba' mija u sebgħa u disgħin Ewro, u tnejn u tmenin ċenteżmi (€1,497.82), rappreżentanti l-ispejjeż li kien għamel fil-lift, wara li l-intimat kien qed jagħmel xogħol ta' kostruzzjoni kien ikkawża ħsarat fil-lift, u li skond l-istess rikorrenti kien aċċetta li jħallas.

It-Tribunal, jinnota li l-verżjoni tar-rikorrenti hija kredibbli u aċċettabbli.

It-Tribunal, jinnota li l-intimat ma ssottomettiex risposta bil-miktub u lanqas attenda għas-seduta, u għalhekk ma kkontestax din it-talba.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' elf, erba' mija u sebgħa u disgħin Ewro, u tnejn u tmenin ċenteżmi (€1,497.82), u bl-ispejjeż kollha inkluż tan-notifika wara l-ħin legali u ta' l-Affissjoni u l-Pubblikazzjoni kontra l-istess intimat.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**